131

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 38/13-F

Gary Vella

vs

Farell Bathrooms

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u tnax-il ewro, u sebgħa w tletin ċenteżmi (€212.37), rappreżentanti prezz ta' madum żejjed li ġie mgħoddi lir-rikorrenti u li ma kienx hemm bżonn għalih.

Is-soċjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna l-madum mingħand id-ditta ntimata u l-kejl ħadu rappreżentant tad-ditta ntimata, pero' meta twaħħal il-madum kollu kien għad fadal ħmistax-il kaxxa żejda u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

Is-soċjeta' ntimata *da parte* tagħha ssottomettiet illi meta huma ħadu l-kejl, ir-rikorrenti kien preżenti u li huma għamlu xogħolhom. Illi l-madum kien *on order* u allura ma jistgħux jieħdu l-madum lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonsidra illi kien l-intimat li effettivament ħa l-kejl u allura għandu jkun responsabbli tal-kejl li ħa minħabba l-fatt illi inti għandek bżonn madum u qed jiġi ordnat kemm għandek bżonn u mhux iż-żejjed. F'dan il-każ l-iżball kien grossula għax ma kienx żball ta' ftit kaxxi, imma ta' ħmistax-il kaxxa li huma konsiderevoli u l-prezz jitla' 'l fuq minn mitejn ewro (€200).

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Għal dawn il-motivi:

It-Tribunal, għaldaqstant qed jagħti t-tort lid-ditta ntimata u qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u b'dan illi tmien kaxxi jiġu ritornati lura lis-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Avv Martin Fenech
Arbitru